MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 74/2024/09

**Data tal-laqgħa:** 23 ta' April, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:35hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Sindku***

Joseph Schembri ***Viċi Sindku***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Cody Galea ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

74.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Cody Galea li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 73

74.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 73 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

74.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 3/2024 mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, rigward Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

74.3.1.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li din iċ-Ċirkulari kienet qed tispjega l-proċedura li għandha tiġi addottata meta ssir talba għall-kumpens lill-Kunsill Lokali minħabba xi ħsarat imġarba fil-lokalità minn terzi.

74.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand resident fi Triq San Leonardu, biex tingħata għajnuna minħabba l-problema tal-ħamiem f'din it-triq.

74.3.2.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li s-Segretarju Eżekuttiv kienet ġabet stima għas-servizz tal-għalf tal-ħamiem biex tonqos il-produzzjoni. Is-servizz tal-għalf jiswa €200 fix-xahar għal kull sistema li titpoġġa.

74.3.2.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u minħabba li l-ispejjeż huma għoljin ħafna, u l-AKL ma għadhomx joffru din l-iskema, il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jidħol għal din l-ispiża. Apparti hekk il-Kunsill huwa infurmat li l-ħamiem jiġi biss biex jorqod u għaldaqstant aktarx mhux ser ikun qed jiekol minn dan l-għalf u l-ispiża tkun saret għalxejn.

74.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kappillan rigward talba biex titneħħa l-bozza li hemm imwaħħla mal-ġenb tal-knisja u teħel fuq arblu. Apparti hekk il-Kappillan kien talab ukoll donazzjoni għall-konsum tad-dawl li kien intuża waqt l-attività Gigantic.

74.3.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-bozza kienet ser tinqala' hekk kif jeħel l-arblu li ser tagħmel l-Enemalta biex miegħu jeħlu l-linji li ser jitneħħew minn mal-faċċata tal-knisja u teħel waħda ġdida fuq dan l-arblu.

74.3.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew it-talba għal donazzjoni dwar il-konsum tad-dawl fl-attività Gigantic u qablu li l-Kunsill għandu jagħti valur ta' €200, billi jipprovdi irċevuta ta' xogħol / servizz / oġġett li sar jew ser isir għall-bżonnijiet tal-knisja u l-Kunsill jagħmel rimbors tiegħu.

74.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Iskola Sekondarja Kulleġġ San Benedittu, fejn kienu talbu lill-Kunsill biex jipproponi isem ta' persuna minn Ħal Kirkop, li hija mejta, li kienet tat kontribut fl-edukazzjoni peress li l-Iskola kienet intalbet issib isem għall-Iskola Sekondarja.

74.3.4.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qablu li jipproponu lil Joseph Carbone, Francis Mizzi u Benedittu Farrugia.

74.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta fir-rigward tat-talba li saret mill-Kunsill biex l-Uffiċċju Elettorali jorganizza data biex ir-residenti ta' Ħal Kirkop iġeddu l-Karta tal-Identità tagħhom fil-lokalità stess peress li l-maġġoranza tagħhom ser jiskadu f'Ġunju 2024.

74.3.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li sfortunatament din it-talba ma ġietx milqugħa u dan is-servizz ser ikun qed jingħata mill-Uffiċini tagħhom u mhux f'Ħal Kirkop.

74.3.5.2 Is-Sindku kompla jgħid li jekk hemm xi persuni li huma anzjani u li ma jistgħux imorru fl-Uffiċċju Elettorali, l-Kunsill jista' jiġbor lista u jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex it-tiġdid isir fid-djarhom stess.

74.3.5.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jikkonferma li jekk tintbgħat lista ta' persuni li ma jifilħux imorru fl-Uffiċċju Elettorali, ikunx jista' jsir arranġament biex jiġu huma f'Ħal Kirkop.

74.3.5.4 Jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, il-Kunsill għandu jinforma lin-nies fuq il-mezzi soċjali biex jinkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex isiru l-arranġamenti meħtieġa biex l-ID Card tagħhom tiġi mġedda f'Ħal Kirkop stess.

74.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien reġa' bagħat korrispondenza lil Infrastracture Malta rigward ix-xogħol ta' tabelli u sinjali tat-traffiku fi Triq San Pietru. Dan għax għalkemm il-Kunsill kien ilu minn meta sar it-tarmak, jiġifieri mit-2 ta' April, jitlob biex issir iż-żebgħa tat-triq u s-sinjali tat-traffiku, sa issa dawn għadhom ma sarux. Dan ukoll fid-dawl li l-Kunsill mgħarraf li saru diversi aċċidenti tat-traffiku f'din iż-żona.

74.3.6.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li xtaq jgħid prosit lill-kandidati li ssikaw biex tinfetaħ it-triq meta kienet għadha ma saritx iż-żebgħa għax martu kellha xorti li bl-aċċident li kellha ma spiċċatx id-dinja l-oħra.

74.3.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-problema kienet li l-pjan ta' IM kienet li jsiru s-sinjali qabel ma din tinfetaħ għall-karozzi. Iżda issa għadda wisq żmien u għadu ma sar xejn.

74.3.6.3 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li għandha tintbgħat kopja tal-*email* li ntbgħatet lill-Perita direttament lill-Ministru għax dawn il-linji kellhom isiru fit-3 ta' April, l-għada li sar it-tarmak, u sal-lum, 20 ġurnata wara dawn għadhom ma sarux.

74.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għamel l-arranġamenti meħtieġa mar-Reġjun Punent u mal-Iskola Primarja Kulleġġ San Benedittu Ħal Kirkop biex nhar il-Ġimgħa 26 ta' April tiġi organizzata attività għall-World Book Day.

74.3.7.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien ħa ħsieb jixtri kotba għat-tfal kollha tal-Iskola Primarja u kienet saret ukoll *book mark* ta' tifkira. Minn naħa tar-Reġjun Punent kienu saru l-arranġamenti meħtieġa biex issir *sketch* waqt din l-attività.

74.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta rigward it-talba li kienet saret biex isiru bollards fi Triq San Benedittu u fi Triq Danny Cremona biex jiġi kkontrolat aħjar it-traffiku f'dawn iż-żoni.

74.3.8.1 Is-Sindku qal li TM kienet qed tissuġerixxi li minflok dawn il-*bollards* issir *traffic island* mibnija u fix-xifer tagħha jkun hemm *retro-reflective directional bollards*. TM kienet talbet lill-Kunsill biex jibgħat il-pjanti ta' dawn it-*traffic islands* għall-approvazzjoni.

74.3.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din ir-risposta u qablu li l-Kunsill kellu jibgħat lura lill-TM fejn jinfurmahom li dan ix-xogħol jaqbeż il-budget li għandu l-Kunsill u għaldaqstant l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel *traffic islands* mibnija u għaldaqstant jerġa' jitlob konferma għall-*bollards*.

74.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*Air Conditioner* li kien hemm fir-*reception area* kellu ħsara irreparabli. Is-Sindku qal li għal dan il-għan kienu inġabru kwotazzjonijiet biex jinxtara *Air Conditioner* ġdid.

74.3.9.1 Il-Kunsilliera preżenti raw il-kwotazzjonijiet miġbura u qablu li jinxtara *Air Conditioner* ġdid mingħand l-orħos offerent.

74.3.9.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jinxtara *Air Conditioner* ġdid mingħand l-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

74.3.9.3 Is-Sindku Terence Agius qal li issa l-*Air Conditioner* l-antik, li kien bil-ħsara u ma setgħax jissewwa, kellu jitneħħa mil-lista ta' Assi Fissi tal-Kunsill (*Fixed Asset Register*), u jsir *disposal* tiegħu.

74.3.9.4 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jiġi approvat it-tneħħija ta' *Air Conditioner* (OFEQU034) mill-kotba tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

74.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti, hu kien ikkomunika mal-Perit tal-Kunsill rigward il-pjanti u l-BOQs ta' Ġnien Rousset.

74.3.10.1 Is-Sindku qal li l-Perit ser ilesti l-aħħar BOQs biex ikun jista' jiġi ffirmat l-MOU mal-Public Works biex dan il-ġnien jiġi rinovat skont il-pjanti ppreparati.

74.3.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu miegħu u qalu li malli dan jiġi ffirmat issir tabella bl-informazzjoni għax dan huwa proġett li ħadmet għalih din il-leġiżlatura.

74.3.10.3 Wara dan tkun tista' ssir laqgħa pubblika mar-residenti tal-akwata biex ikunu jistgħu iressqu is-suġġerimenti tagħhom.

74.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-*Observation Area* fi Triq l-Industrija, l-MIA urew l-interess tagħhom f'dan il-proġett u minn naħa tagħhom kienu qed jagħmlu studju intern biex jaraw il-possibilità li jitwettaq dan il-proġett.

74.3.11.1 Il-Kunsilliera preżenti qalu li hu tajjeb li dan il-proġett jitwettaq għax kien wieħed mill-proġetti li d-disà leġiżlatura ħadmet ħafna fuqu u tixtieq li qabel tispiċċa tkun inbdiet it-triq għal dan il-proġett.

74.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni dwar Skema bit-tema 'Ġonna fl-Urban' maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali rigward xiri ta' siġar taż-żebbuġ u tal-larinġ mill-Kunsilli Lokali biex jitħawlu f'postijiet pubbliċi.

74.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li jiltaqgħu mal-ġardinar biex jaraw jekk hemmx possibilità ta' postijiet fejn jistgħu jitħawlu dawn is-siġar.

74.3.12.2 Il-Kunsilliera qablu wkoll li jekk hemm fejn dawn jitħawlu, il-Kunsill għandu juri l-interess tiegħu.

74.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Enemalta kienu talbu biex isir arblu fi Pjazza Żerniq biex ikun jista' jagħti provvista tal-elettriku lill-binja l-ġdida li hemm fl-istess Pjazza.

74.3.13.1 Is-Sindku spjega li dan l-arblu ser ikun temporanju sakemm issir is-*substation* li hemm taħt l-istess blokka. Is-Sindku kompla jgħid li hu tkellem mal-Perit tal-Kunsill biex ikun ċert li fejn se jeħel dan l-arblu ma jiġix fejn hemm il-ġibjun tal-ilma.

74.3.13.2 Is-Sindku kompla jispjega li l-Kunsill intalab permess biex issir trinka mill-Enemalta biex jissupplixxu l-*cables* biex issir is-*substation* fi Pjazza Żerniq.

74.3.13.3 It-toroq li se jintlaqtu huma dawk ta' Pjazza Żerniq, Triq Benedittu Farrugia, Triq Dun Carlo Taliana, Misraħ San Leonardu u Triq il-Kbira. Il-Kunsill ser joġġezzjona għal dan il-permess biex dan ix-xogħol ma jibdiex qabel l-aħħar ta' Awwissu. Dan għall-fatt li bħalissa għaddej ix-xogħol minn Infrastracture Malta ħdejn il-mina u Triq l-Industrija ser tingħalaq, u t-traffiku ser ikun qed jgħaddi minn ġo Ħal Kirkop. Apparti hekk din hija l-qalba tar-raħal u l-Kunsill irid jara li jkunu għaddew il-festi meta jibda x-xogħol.

74.3.13.4 Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iddaħħal din l-oġġezzjoni fuq it-*Trenching Permit System*.

74.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmatu li kellha opportunità ġdida u għaldaqstant kienet ser ittemm l-impjieg tagħha mal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop.

74.3.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din ser tkun telfa għall-Kunsill għax is-Segretarju Eżekuttiv kienet taħdem qatigħ, anke wara l-ħin normali tax-xogħol, biex tara li x-xogħol tal-Kunsill jimxi 'l quddiem. Hu qal li hija kienet tagħmel kollox minn qalbha, anke meta jiġu organizzati attivitajiet, minn loġistika, ppjanar, organizzazzjoni u anke saħansitra armar, ħjata u żebgħa.

74.3.14.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mas-Sindku u qalu li żgur li n-nuqqas tagħha ser jinħass ħafna. Huma rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv u awgurawlha kull suċċess fix-xogħol il-ġdid.

74.3.14.3 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibqa' sservi lill-Kunsill bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv, sakemm tinstab persuna li timla' l-post vakanti.

74.3.14.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija lesta li tkompli sservi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk ikollha l-approvazzjoni mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

74.3.14.5 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex issir talba lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, biex is-Sa. Antonia Demicoli sservi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

74.3.14.6 Apparti hekk, il-Kunsilliera qablu li jitolbu lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex tinbeda l-proċedura biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid.

74.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien ser jiltaqa' ma' rappreżentant tar-Reġjun Punent u mal-kuntrattur li kien ser jinstalla s-CCTVs fil-lokalità.

74.3.15.1 Is-Sindku Terence Agius ikkonferma mal-Kunsilliera preżenti l-post fejn ser jitwaħħlu dawn is-CCTVs – waħda ħdejn iċ-ċimiterju u l-oħra fi Triq San Pietru k/m Triq Valletta. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti fuq dawn iż-żewġ lokazjonijiet.

74.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-upgrade tal-Bandli tal-Kommunità, li kien ġie diskuss f'Seduta Nru. 73, il-Kunsill kien ġab ukoll kwotazzjonijiet biex jinbidlu l-*ispring riders* li kien hemm fil-bandli, biex hekk il-Bandli tal-Kommunità jingħata uplift.

74.3.16.1 Il-Kunsilliera preżenti raw dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li jinxtraw żewġ *spring riders* mingħand l-orħos offerent.

74.3.16.2 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jinxtraw żewġ *spring riders* mingħand l-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

74.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

74.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

74.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li innutat li fuq wara taċ-ċimiterju hemm il-bankina mtella' bl-għeruq tas-siġar.

74.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hemmhekk huwa mdaħħal fil-lista ta' toroq li ser isiru minn Infrastracture Malta u meta ssir it-triq issir il-bankina wkoll.

## 74.5 Rapport tal-Ilmenti

74.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 74.6 Vakanza għall-Assistent Prinċipal (Skala 11)

74.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni interna għall-vakanza għall-Assistent Prinċipal fi Skala 11 kienet għalqet nhar l-Erbgħa 17 ta' April, 2024.

74.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda u kienet saret ukoll l-intervista.

74.6.3 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew l-intervista u x-xogħol li għamel l-applikant, meta l-Kunsill kien b'impjegat wieħed u kemm ilu mal-Kunsill u qablu li l-applikant għandu jingħażel biex jimla dan il-post vakanti.

74.6.4 Għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jiġi approvat l-uniku applikant biex jimla l-vakanza interna għal Assistent Prinċipali fi Skala 11, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 74.7 Jum Hal Kirkop 2024 – 29 ta' Mejju

74.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Jum Hal Kirkop qed joqrob ġmielu għax fadal biss xahar għal din il-ġurnata u huwa importanti li naraw kif ser infakkru din il-ġurnata.

74.7.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan il-Jum u ġie deċiż li fil-ġurnata, jiġifieri fid-29 ta' Mejju, 2024, issir quddiesa fil-Knisja Parrokkjali fis-6.30 ta' filgħaxija u wara ssir serata żgħira fis-Sala tal-Kunsill.

74.7.3 Waqt din is-serata l-Kunsill ser ifakkar ix-xogħol kollu li sar matul id-disa' leġislatura u tingħata tifkira lill-Kunsilliera li servew fiha. Tingħata wkoll tifkira ta' ringrazzjament lill-Kunsilliera li mhux ser jerġgħu jikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u tifkira ta' ringrazzjament lill-għaqdiet u voluntiera li dejjem għenu lill-Kunsill kull meta organizzajna xi attività.

74.7.4 F'din is-serata ser jingħata wkoll Ġieħ Hal Kirkop. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għal din is-serata jiġu mistiedna l-familjari tal-persuna li tingħata Ġieħ Hal Kirkop, il-Membri Parlamentari tad-Distrett, l-Onor. Zerafa Civelli Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, il-President tar-Reġjun Punent, rappreżentanti tal-għaqdiet tal-lokal, Kunsilliera u staff.

74.7.5 Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll li għal din l-attività, l-Kunsill għandu jkollu fotografu u jsir riċeviment żgħir għal dawk kollha preżenti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 74.8 Ġieħ Ħal Kirkop 2024

74.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li f'Jum Ħal Kirkop ma jonqosx li bħal kull sena jingħata Ġieħ Ħal Kirkop.

74.8.2 Is-Sindku Terence Agius staqsa lill-Kunsilliera jekk kienux ħasbu f'persuna li kellha tingħata dan il-Ġieħ.

74.8.3 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv toħroġ mill-kamra biex jiddiskutu din il-materja privatament.

74.8.4 Meta is-Sindku talab lis-Segretarju tidħol lura għal-laqgħa hu talabha tniżżel fil-minuti li l-Kunsill kien qabel unanimament li Ġieħ Ħal Kirkop 2024 jingħata lilha stess tax-xogħol volontarju li għamlet b'risq Ħal Kirkop wara l-ħin tagħha tax-xogħol.

74.8.5 Il-Kunsilliera preżenti qalu li dan kien ġieħ mistħoqq ferm għax is-Segretarju Eżekuttiv kienet ħadmet qatiegħ u marret oltre x-xogħol tagħha, b'siegħat twal ta' ħidma wara l-ħin normali tal-uffiċċju, mingħajr ħlas, biex dejjem ġabet l-interessi ta' Ħal Kirkop qabel kull ħaġa oħra.

74.8.6 Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsillier Cody Galea kien ġie kkuntatjat waqt din id-diskussjoni u qabel ukoll fuq dan il-Ġieħ. Għaldaqstant dan il-Ġieħ ingħata bi qbil unanimu.

74.8.7 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex is-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli tingħata Ġieħ Ħal Kirkop 2024, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mal-Kunsilliera kollha.

## 74.9 Iffirmar ta' MOU mal-*Cleansing Division* dwar Knis f'Ħal Kirkop

74.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien bagħat il-konferma maqbula f'laqgħa nru. 73 minuta 73.8.7 li l-Kunsill lest li jiffirma l-*Memorandum of Understanding* mal-Cleansing Division dwar is-servizz tal-knis f'Ħal Kirkop.

74.9.2 Is-Sindku Terence Agius qal li issa l-Kunsill kien qed jistenna d-data tal-iffirmar u d-data ta' meta ser jinbeda dan is-servizz.

## 74.10 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024

74.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan l-*item* fuq l-aġenda kien ser jinqabeż minħabba li l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024 kienu għadhom mhux iffinalizzati. Dan minħabba raġunijiet personali li l-Accountant tal-Kunsill ma kellhiex kontroll fuqhom.

74.10.2 Il-Kunsilliera qalu li jifhmu dan u ma jsibux problema li japprovaw dawn l-istqarrijiet finanzjarji fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 74.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

74.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 149 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

74.11.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 149 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 74.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

74.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

74.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024 fl-16:30hrs.

74.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:30hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 22 ta' Mejju, 2024

**Mozzjoni Ref:** 360/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 73.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 361/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jinxtara *Air Conditioner* ġdid, għar-*reception area* mingħand l-orħos offerent.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 362/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat it-tneħħija *(disposal)* ta' *Air Conditioner* (OFEQU034) mill-kotba tal-Kunsill.

| **Proponent** | **Sekondant** |
| --- | --- |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 363/24/9

**Mozzjoni:**

Biex issir talba lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, biex is-Sa. Antonia Demicoli sservi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 364/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jinxtraw żewġ *spring riders* mingħand l-orħos offerent.

______________________

**Proponent**
Joseph Schembri

______________________

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 365/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat l-uniku applikant biex jimla l-vakanza interna għal Assistent Prinċipali fi Skala 11.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 366/24/9

**Mozzjoni:**

Biex is-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli tingħata Ġieħ Ħal Kirkop 2024.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 367/24/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 149.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Ritienne Caruana | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' April, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**